MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2012

Numru. 291/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond J. Borg**

**vs**

**Nicolina Portelli ta' 43 sena, bint Carmelo Portelli u Maria nee Cuschieri, imwielda Pieta nhar is-26 ta' Marzu 1968, residenti 19 Tiq il-Kardinal Fabrizio Sciberras Birgu u detentrici tal-karta ta' l-identita 155968M**

Il-Qorti;

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputata li giet akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, nhar id-29 ta' Novembru 2009, kif ukoll f'dawk l-ahhar granet, f'hinijiet differenti u fi bnadi ohra f'Malta;

1. Kellha fil-pussess taghha d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi

tal- Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienitx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienitx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li timmanifattura, jew tforni d-droga 'msemmija u meta ma kienitx b'xi mod iehor bil-licenzja tal-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess taghha u naqset li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentament emmendati u dan bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Aktar talli ikkommettiet reat waqt li kienet taht ordni ta' probation, moghtija mil-Qorti ta' Malta, preseduta mil-Magistrat Dr. L. Quintano LL.D nhar it-23 ta' Jannar 2009, liema sentenza saret definitiva u ma tistax tigi mibdula;

3. Aktar talli saret recidiva b'sentenza moghtija mill-Qorti ta' Malta preseduta mill-Magistrat Dr. A. Lofaro LL.D nhar il-21 ta' April 2006, liema sentenza saret definitiva u ma tistax tigi mibdula;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-ordni tal-Avukat Generali ai Termini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101);

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja minn din il-Qorti;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputata liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputata inghatat zmien xieraq sabiex tirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputata l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputata hatja tal-akkuza migjuba fil-konfront taghha.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputata.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat Taqsimiet 4 u 6 u l-artikoli 22 (1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u Regolament 9 tal-Legizlazzjoni Sussidjarja 101.02, l-artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputata hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghha u tikkundannaha ghal-multa ta' hames mitt euro (€500) liema multa tista' tithallas fi zmien tlett (3) snin mil-lum u testendi s-sentenza tat-23 ta' Jannar, 2009, ghal sena ohra.

Il-Qorti qed twissi lill-hatja bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk hija tikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' din l-Ordni ta' Probation jew jekk hija jonqos milli jsegwi xi kondizzjoni imposta fuqha f'din l-ordni jew jekk hija tonqos milli ssegwi xi ordni mghotija lilha mill-Ufficjal tal-Probation.

Finalment il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------